KLR 10/VIII/2020

Minuti tal-laqgħa li nżammet b'mod virtwali minħabba l-pandemija tal-COVID 19. Din il-laqgħa saret nhar il-Ġimgħa 27 ta' Marzu 2020 fil-17:00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Joseph Debrincat, Marcell Tabone, Charlie Hili u Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

ASSENTI: Il-membru Michel Buttigieg.

**10.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

<u>Mill-minuti</u>

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-korrispondenza li kien għadda lill-membru Portelli kien għaddihielha fit-18 ta' Diċembru 2019. Dan ifisser li l-korrispondenza kienet għand Portelli qabel ma huma ltaqgħu fuq din il-kwistjoni. Maria Portelli kkonfermat dan. Il-Viċi Sindku qal li Portelli kienet qaltu li l-korrispondenza kienet waslet għandha wara. Hu tenna li hu kien ndaħal biex tissolva l-kwistjoni pero' ma sabx appoġġ. Il-membru Hili qal li din il-kwistjoni qed jinħela ħafna ħin fuqha anke' meta tikkunsidara s-sitwazzjoni ta' x'qed jiġri fil-pajjiż u madwar il-bqija tad-dinja minħabba l-COVID 19.

**10.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.2.1 Is-Sindku qal li qed isiru diskussjonijiet b'mod virtwali bejn is-Sindki fuq kif l-aħjar li l-Kunsilli jaffaċjaw il-pandemija. L-Assozjazzjoni għall-Kunsilli Lokali ħolqot paġna fuq *facebook* bl-isem *Yousafe* fejn kull Kunsill ħoloq paġna għalih.

10.2.2 Tenna li sabiex jitnaqqas il-kuntatt tal-individwi, il-Kunsilli qed jaħdmu bi *skeleton staff*, u b'hekk il-pubbliku jibqa' jinqeda. Qed jiġi nkuraġġit sabiex ħafna mil-pagamenti jsiru *online*. Rigward il-permessi għad-depożitu ta' użu ta' krejn jew makkinarju, l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali qed taħdem sabiex tinħadem sistema *online* u b'hekk jitnaqqsu n-nies milli jattendu personalment fl-uffiċini.

10.2.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-*playing fields* ingħalqu wkoll.

10.2.4 Il-Viċi Sindku staqsa fuq id-direttivi li għadhom kif inħarġu fir-rigward tal-anzjani ta' 'l fuq minn 65 sena. Il-membru Debrincat qal li aktar tard ser jinħarġu kjarifiki fuq din is-sitwazzjoni.

10.2.5 Is-Sinku qal li l-Kunsill ser jipparteċipa fl-*Earth Hour* billi tintefa l-Banca Giuratale. Din ser issir nhar is-Sibt 28 ta' Marzu 2020.

**10.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Marzu 2020 skont dokument A anness.

10.4 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fis-18:00 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tenjn, 11 ta' Mejju 2020 fil-17.00.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv